MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 161/2003

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
Vs

Jonathan Joseph Briffa

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1) nhar it-23 t’Awissu, 2003, bejn il-perjodu ta’ 2.00 p.m. u 6.00 p.m. ikkommetta serq ta’ arlogg tal-marka Pierre Balmain u nuccali tax-xemx minn gewwa l-“Hilton Hotel” pool area ghad-dannu ta’ Gabriella Schreiber mill-Isvezja, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna u dan ai terminu tal-artikolu 261, 267, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

2) u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 imposti fuqu mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D. nhar is-16 t'Awissu 2003 meta nstab hati ta' serq aggravat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 t'Awissu, 2003 li biha, wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279, 280 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal perjodu ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Oltre dan b'zieda ai termini tal-artikolu 28(g)(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, poggiet lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin taht supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Borg bil-kundizzjoniet kollha hemm indikati.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fid-29 t'Awissu 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w tibdel is-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuzi migjuba kontrih, thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28(a) tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin, u poggiet lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin taht supervizjoni tal-probation officer Carmen Borg bil-kundizzjonijiet hemm imposti w elenkati, u minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi b'mod li l-perjodu ta' prigunerija ma jkunx sospiz ghal ebda perjodu, imma jkun wiehed effettiv u applikabbli immedjatament.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' illi l-Ewwel Qorti nvokat u applikat id-dispozizzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali sabiex setghet tinfliggi piena karcerarja sospiza meta bil-mod kif ghaddiet sabiex tapplika l-imsemmi artikolu , ghamlet applikazzjoni legalment zbaljata fis-sens li r-ragunijiet li hija elenkat fis-sentenza appellata ma jistghu qatt skond l-istess ligi , jikkwalifikaw bhala ragunijiet li jiggustifikaw tali piena karcerarja sospiza ghall-periodu w dan johrog car mid-dispozizzjonijii tal-artikolu 28A(7)( c ) tal-Kodici

Kriminali li testwalment jghid li ordni bis-sahha tal-artikolu 28A (1) MA GHANDUX ISIR meta r-reat ikun sar fil-periodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kundizzjoni skond l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin .

Fliet l-atti kollha processwali ,

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat in-noti tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza tal-1 u tat-2 t' Ottubru, 2003 rispettivament;

Ikkonsidrat ;

Illi d-difiza qed tissottometti li ladarba l-artikolu 28A (7) ( c ) isemmi biss l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin u dan kien gie imhassar meta dahal in vigore il-Kap.446 , allura id-dispozizzjoni tas-sub-inciz (7) ghandha tapplika biss ghal dawk il-provvedimenti Illi kienu saru jew inghataw qabel ma gie introdott il-Kap.446 u trid tkun limitata ghall-dawk il-provvedimenti taht il-Kap 152.

Jidher pero' li kemm id-difiza kif ukoll il-prosekuzzjoni fin-noti taghhom injoraw ghal kollox id-dispozizzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap.446 li tghid li :-

***"kull riferenza f' xi ligi ghall-Att dwar il-Probation tal-Hatjin ……… , ghandha titqies bhala riferenza ghal dan l-Att*** *u kull riferenza ghall-artikoli 5, 9 , 12 jew ghal xi dispozizzjoni ohra ta' l-Att dwar il-Probation ta' Hatjin f' xi ligi ghandha titqies bhala riferenza ghall-artikoli 7, 22, 25 rispettivament jew ghad-dispozizzjoni li tikkorrispondi f' dan l-Att."*

Illi l-artikolu 28A(7)( c ) tal-Kap. 9 jiddisponi testwalment li :-

*"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu MA GHANDUX ISIR (emfasi ta' din il-Qorti) f' xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-*

*( c ) meta r-reat ikun sar fil-periodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond* ***l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin ."***

Illi in vista tad-dispozizzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap.446 fuq citata, hu ovvju li d-dispozizzjoni tal-Kodici Kriminali 28A (7) ( c ) tapplika ukoll ghall-provvedimenti ta' probation maghmula in forza tal-Kap. 446 kif sar fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront tal-appellat odjern fis-16 t' Awwissu, 2003 u mhux biss ghall-provvedimenti li kienu lahqu nghataw taht il-Kap.152 qabel ma dahal in vigore l-Kap.446, kif qed issosnti d-difiza.Konsegwentement din l-unika pregudizzjali tad-difiza ghall-appell tal-Avukat Generali hija manifestament infondata legalment u qed tigi respinta.

Illi ma hemmx kwistjoni li f'dan il-kaz l-appellat kien gie akkuzat ukoll bil-fatt "li kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 imposti fuqu mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D. nhar is-sibt 16 t' Awwissu , 2003 , meta nstab hati ta' serq agravat" , addebitu minnu ammess u dana APPENA DISGHAT IJIEM QABEL ma rega kkommetta r-reat odjern minnu ammess . Illi l-appellat ammetta dan l-addebitu w gie accertat li dik is-sentenza ma kientx giet appellata u li kienet ghaddiet in gudikat meta l-appellat gie sentenzjat bis-sentenza appellata.

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza f'dan il-kaz u kienet marbuta li tinfliggi l-piena applikabbli ghar-reat li l-appellat kien ammetta l-htija tieghu w li kien instab hati tieghu w kwindi l-appell tal-Avukat Generali jidher gustifikat skond il-ligi. (ara ukoll f'dan is-sens Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Joseph Compagno"[ 25.9.2003] fejn pero' si trattava ta' recidiva art. 28 A (7) (b) )

Illi galadarba ma gie intavolat ebda appell mill-appellat innifsu kontra l-kundanna ghall-piena karcerarja (sia pure sospiza), din il-piena karcerarja ghaddiet in gudikat ukoll u l-unika kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti hi jekk

tali piena karcerarja ghandix tkun effettiva w esegwibbli minnufieh jew tibqa' sospiza . F'dan is-sens hija limitata it-talba fl-appell tal-Avukat Generali w ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tikkontempla xi forma ta' piena jew provvediment alternattiv ghax dan ikun jezorbita ghal kollox mill-mertu ta' dan l-appell . Kien ikun differenti kieku l-appellat ukoll kien appella mill-piena u talab li tigi nflitta xi piena jew provvediment iehor ghax b'hekk kienet tkun aperta l-kwistjoni dwar x' ghandha tkun l-ahjar piena jew l-ahjar provvediment fic-cirkostanzi. Dan pero' mhux il-kaz u ghalhekk idejn il-Qorti huma marbuta bit-termini li fih gie impost l-appell odjern.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fil-parti fejn issospendiet l-esekuzzjoni tal-kundanna tal-appellat ghall-sentejn prigunerija ghal erba snin u fejn ghamlet ordni ta' supervizjoni ghal zmien sentejn taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Carmen Borg bil-kondizzjonijiet kollha indikati fl-istess sentenza w , minnflok tordna li l-periodu ta' sentejn prigunerija li ghalih l-appellat gie kundannat ikun b'effett immedjat u mill-lum , b'dana pero' li minnu jrid jitnaqqas kull periodu li fih l-appellat kien taht arrest preventiv in konnessjoni mall-istess reat , w tikkonfermaha fil-kumplament taghha fejn iddikajrat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuza migjuba kontrieh .

In oltre din il-Qorti tordna li l-appellat jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex din tittratta mieghu talli kiser il-kondizzjonijiet tal-probation fuqu mposti b' sentenza tal-istess Qorti tas-16 t' Awwissu, 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------